MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 361/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Taylor Philip Joseph**
**ID 47921A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hmistax il-ewro u hamsa u sebghin centezmu (€315.75) in konnessjoni ma' servizz ta' internet (AC40180032).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2943/13, u bl-imghaxijiet legali sa mil-5 ta' Dicembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas da parti tal-konvenut it-Tribunal jidhirlu xieraq  illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hmistax il-ewro u hamsa u sebghin centezmu (€315.75) bl-imghax legali sa mill-5 ta' Dicembru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluz tal-ittra ufficjali 2943/13 jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------